**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' l-Erbgha 17 t'Ottubru, 2018**

**Rikors Numru : 838/2015 JPG**
**Kawza Numru : 3**

**Mary Ellul I.D 220734(M)**

**Vs**

**Avv Dr. Veronica Aquilina I.D 466068(M) bhala kuratrici ta' l-interdett Hiliare Vincenti I.D 102427(M) kif ukoll u ghal kull interess Dr Jospeh Henry Vincenti I.D. 58327(M) bhala ex-kuratur ta' l-interdett Hiliare Vincenti I.D 102427(M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mary Ellul tat-3 ta' Settembru 2015 (a fol. 1 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi l-intimat Joseph Henry Vincenti gie mahtur bhala kuratur ta' l- interdett*

*Hiliare Vincenti u dan wara r-rikors nru. 940/2011ipprezentat Fil-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) fejn b'digriet wara dan l-imsemmi rikors mahrug fis-26 ta' Jannar 2012 gie appuntat sabiex ikun il-kuratur ta' l-interdett Hiliare Vincenti liema kopja tad-digriet qieghed jigi hawn anness bhala* **Dok ME1***;*

2. *Illi ftit xhur wara dan id-digriet, Dr Joseph Henry Vincenti talab ghall- ghajnuna ta' kuratur iehor u l-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) appuntat lil Dr Veronica Aquilina bhala ko-kuratrici flimkien ma' Dr Joseph Henry Vincenti permezz ta' rikors datat 30 ta' April 2012. Illi kopja tad-digriet jinsab hawn anness u mmarkat bhala* **dok ME 2***. Illi huma baqghu ko-kuraturi ta' Hiliare Vincenti bejn l-1 ta' Mejju 2012 sal-21 ta' Mejju 2014;*

3. *Illi wara rikors li ghamlet Mary Ellul bin-numru 94/2014, Dr Joseph Henry Vincenti ma baqax aktar ko-kuratur ta' Hiliare Vincenti, u fejn ghalhekk baqghet biss Dr Veronica Aquilina bhala kuratrici ta' Hiliare Vincenti li kopja tad-digriet datat 21 ta' Mejju 2014 jinsab hawn anness u mmarkat bhala* **dok ME 3***. Illi dan l-istat ta' fatt fejn Dr Veronica Aquilina hija l-unika kuratrici ta' Hiliare Vincenti ghadu vigenti sallum;*

4. *Illi b'dan ir-rikors guramentat, ir-rikorrenti Mary Ellul tigbed l- attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-kuraturi m'humiex qieghdin iharsu l-interessi ta' Hiliare Vincenti kif ghandhom jaghmlu, u oltre hekk ddisturbaw legati ta' l-ahhar testment li rrediga Hiliare Vincenti (kif ser jigi spjegat aktar isfel) liema azzjonijiet kien ghad-detriment ta' Mary Ellul li hija nominata bhala eredi u anki bhala legatarja. Illi hawnhekk qieghed jigi esebit kopja ta' l-ahhar testment ta' Hiliare Vincenti li jinsab anness bhala* **dok ME 4***, u r-ricerki aggornati tal-interdett huma hawn annessi bhala* **dok ME 4A** *u* **ME 4B** *fejn jidher li dan huwa l- ahhar testment (pubbliku) li ghamel l-interdett;*

5. *Illi sabiex il-Qorti tkun konsapevoli ta' kollox, Mary Ellul kienet ilha tiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' Hiliare Vincenti ghal aktar minn tmienja u tletin sena, u meta Dr Veronica Aquilina giet appuntata bhala kuratrici, Mary Ellul fuq talba ta' Dr Veronica Aquilina iddepozitat il- Qorti r-rendikont shih ta' dak li kellha fil-pussess taghha rigward x'ghandha bhala dokumenti u karti ta' l-interdett Hiliare*

*Vincenti u dan kif jirrizulta mic-cedola nru. 1765/2012pprezentata fil-5 ta' Settembru 2012 Fil-Qorti tal-Magistrati u liema kopja tac-cedola qieghda tigi hawn annessa bhala* ***dok. ME 5;***

6. *Illi fost l-affarijiet li l-attrici kellha ta' Hiliare Vincenti, l-attrici kellha f'idejha certifikat ta' investiment mal-Valletta Fund Management fl- ammont ta' EUR 150,000 (****dok ME 6****), kif ukoll kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru tal-kont 40010653452 fl-ammont ta' EUR 41,658.66 f'Dicembru 2011(****dok ME 7****) u li dawn kienu gja gew indikati fl-anness cedola. Fl-anness cedola hemm ukoll introjti varji li l-interdett Hiliare Vincenti jigbor minghand inkwilini tieghu u/jew censwalisti liema ammonti li hu jippercepixxi minghandhom jitla' ghal iktar minn EUR 40,000 fis-sena (****dok ME 8*** *anness). Illi dawn il-flejjes illum jinsabu amministrati mill-kuratrici Dr Veronica Aquilina;*

7. *Illi Hiliare Vincenti jippercepixxi ukoll minghand il-Gvern ta' Malta pensjoni ta' cirka EUR 12,000 fis-sena u dan ukoll kif jidher mid- dokument mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali datat 30 ta' Mejju 2013 anness* ***dok. ME 9*** *kif ukoll fic-cedola* ***dokument ME5*** *u liema flejjes jinzammu illum l-gurnata mill-kuratrici Dr Veronica Aquilina;*

8. *Illi r-rikorrenti tinnota wkoll li Dr. Veronica Aquilina ga akkwistat il- permess tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Voluntarja) sabiex tbiegh hanut bl-isem 'Savita', Triq ir-Repubblika, Valletta meta fir- realta' u fil-verita' ma kienx hemm ghalfejn tigi likwidata propjeta` prezzjuza bhal din, u dan mhuwiex fl-ahjar interess ta' l-interdett Hiliare Vincenti, li seta' jakkwista valur ahjar jekk il-propjeta` inbieghet iktar-il quddiem (meta l-inkwilin ikun hareg) u dana skond il-fatt li ghad hemm kirja rregolata ta' qabel Gunju 1995. Illi hawnhekk qieghed jigi esebit bhala* ***dok ME 10*** *id-digriet datat 3 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu l-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) laqghet it-talba ghall-bejgh tal- imsemmi hanut kif ukoll kopja tan-nota ta' insinwa tal-kuntratt li permezz tieghu nbieghet din il-proprjeta` datat 29 ta' Lulju 2014 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono bhala* ***dok ME 11;***

9. *Illi fir-rendikont li pprezentat fit-2 ta' Lulju 2015, quddiem il-Qorti Civili*

*(Sezzjoni Volontarja) Dr. Veronica Aquilina nizzlet ir-rendikont (**dok ME 12**) u ghal xi raguni jew ohra ma tat ebda sodisfazzjon ta' dawk il- flejjes li huma ta' Hiliare Vincenti u li ga kienu jezistu qabel ma hadet l- inkarigu ta' kuratrici Dr Veronica Aquilina flimkien ma' Dr. Joseph Henry Vincenti fejn ma jezisti xejn a rigward il-mija u hamsin elf (EUR 150,000) li jinsabu fil-La Valette Euro Money Fund skont il-contract note datat 13 ta' Mejju 2011 (**dokument ME 6**) u ma tghid xejn fuq l- Euros 41,658.66 li jinsabu fil-kont tal-Bank of Valletta PLC bin-numru 40010653452 (**dok ME 7**);*

10. *Illi ta' min jghid ukoll li ghalkemm dan ir-rendikont elenkat minn Dr Veronica Aquilina mar-rikors intavolat fit-2 ta' Lulju 2015 jaghti rendikont sal-31 ta' Dicembru 2013 (u fejn ghalhekk ma jidholx il-bejgh tal-hanut Savita, Triq ir-Repubblika, Valletta ghax kien sar fis-sena 2014) wiehed irid jirrikonoxxi ukoll l-istat tal-fatti llum fejn f'Lulju 2014 dahlu fil-kont tal-Bank of Valletta bin-numru 400211118643 l-ammont ta' EUR 809,600 bhala kuratur ta' Hiliare Vincenti u dan mill-bejgh tal- propjeta 'Savita', Triq ir-Repubblika, Valletta. Illi ghalhekk il-kuratrici Dr Veronica Aquilina tinsab fis-sitwazzjoni li ghandha f'idejha madwar miljun Euros fi flus kontanti ta' Hiliare Vincenti;*

11. *Illi r-rikorrenti taf u hija konsapevoli li l-ahhar testment li ghamel Hiliare Vincenti qabel ma gie dikjarat interdett (salv ovvjament testmenti sigrieti li wiehed ma jistax jara – **dok 4**, **4A** u **4B** annessi) Mary Ellul hija ddikjarata legatarja kif ukoll bhala werrieta fejn fost il-legati dikjarati minn Hiliare Vincenti a favur Mary Ellul hemm:*

*I. Hanut numru 46, 'Savita', Republic Street kantuniera ma' St John Street, Valletta*

*II. Blokk numru 47, ufficju numru 1, St John Street kantuniera ma' Triq ir-Repubblika, Valletta (li ma kienx mikri meta sar it-testment fl-2006 u li llum Dr Veronica Aquilina krietu bhala store tal-hwejjeg)*

*III.No.1, Harper Lane, Floriana u l-erba' garaxxijiet li huma sottostanti (numri 10-13) fi Crucifix Hill, Floriana*

*IV.Flats numru 1 u 4, Block 2, Vilhena Street, Floriana*

12. *Illi l-intimata Dr Veronica Aquilina ma waqfitx li tbiegh biss il-hanut 'Savita', Triq ir-Repubblika, Valletta imma issa anke intavolat fid-9 ta' Lulju 2015 li tigi awtorizzata sabiex taghmel xoghlijiet fl-appartament numru 1, fond 2 Triq Vilhena, Floriana fl-ammont ta' EUR 4,002.45. Illi permezz ta' digriet datat 22 ta' Lulju 2015 l-Qorti awtorizzat li jsiru tali xogholijiet u awtorizzat lil Dr Veronica Aquilina tizbanka l-ammont ta' Euros 4,002.45 li kopja tar-rikors u tad-digriet jinsabu hawn annessi bhala* ***dok ME 13;***

13. *Illi ta' min jghid ukoll, li dan il-fond 2, Flat 1, Vilhena Street, Floriana kien ukoll imholli bhala legat lil Mary Ellul fl-ahhar testment ta' Hiliare Vincenti (dok* ***ME 4****), u ghalhekk dan ukoll juri li issa li l-post gie mikri lill-terzi, fejn qieghed jigi ddisturbat il-legati a favur Mary Ellul, u dan certament kontra x-xewqat ta' l-interdett Hiliare Vincenti fejn il-patrimonju tieghu qieghed jigi dissipat u l-kuratrici Dr Veronica Aquilina m'hijiex qieghda taghti rendikont tajjeb tal-assi tal-interdett;*

14. *Illi r-rikorrenti thoss li Dr Veronica Aquilina qieghda tonfoq flus bla bzonn u b'kull rispett Dr Veronica Aquilina m'hijiex qed tagixxi fl-ahjar interess ta' l-interdett meta ghandha f'idejha circa miljun Euros fi flus u investimenti likwidi;*

15. *Illi jigi rilevat li rigward il-bejgh tal-fond Savita, Triq ir-Repubblika, Valletta, Dr Veronica Aquilina kienet pprezentat konvenju originali datat 5 ta' Lulju 2013 fl-ammont ta' Euros 425,000 b'valutazzjoni redatt minn missierha Perit Richard Aquilina sabiex imbaghad il-Qorti qabbdet perit differenti minn missierha (cioe` l-Perit Stephanie Cassar)li tat valur ta' Euros 920,000. Illi dawn il-provi qieghdin jigu annessi bhala* ***dok ME 14*** *u* ***ME15*** *li huma r-risposta ta' Mary Ellul bid-dokumenti annessi u d- digriet li tat il Qorti wara ir-rikors numru 915/2013 data 3 ta' Lulju 2014;*

16. *Illi certament kien hemm bahar jaqsam bejn Euros 920,000 u Euros 425,000, u r-rikorenti tinsab ferm preokkupata li Dr Veronica Aqulina mhijiex qed timxi b'dik*

*id-diligenza ta' persuna professjonali, u cioe' bid-diligenza ferm aktar gholja minn dik rikjesta bhala bonus paterfamilias billi qed tithallas Eur 500 fix-xahar ghall-inkarigu taghha meta hi avukata u taf certament x'inhuma l-obbligi ta' kuratrici;*

17. *Illi minbarra dan, Dr Veronica Aquilina kienet talbet ukoll li fuq dan il- bejgh, tiehu "dritt" (senserija) ta' 2% fl-ammont ta' EUR 21,712 (**dok ME 16**) u liema talba kienet giet michuda mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familija);*

18. *Illi l-Qorti ghandha tosserva wkoll li Dr Veronica Aquilina qieghda ripetutament tqabbad il-Perit Richard Aquilina (cioe` missierha) sabiex jaghmel rapporti kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza, u l-fatt li qieghed jitqabbad missierha m'huwiex ta' konfort ghall-istess rikorrenti;*

19. *Illi oltre dawn il-manuvri issa Dr Veronica Aquilina talbet ukoll sabiex isiru xoghlijiet fil-fond 188, Main Street, St Julians (id-dar tal-interdett Hilaire Vincenti) permezz ta' rikors datat 26 ta' Jannar 2015 bin-numru 67/2015 fejn talbet struzzjonijiet xieraq rigwardanti il-fond 188, Triq il- Kbira, San Giljan inkluz il-garaxxijiet sottostanti dan il-fond, b'insinwazzjoni cara fl-istess rikors li dan il-fond ghandu jinkera jew jinbiegh skond il-modalitajiet kif titlob u tidderigi l-Qorti. Kopja tar- rikors u digriet jinsabu hawn annessi **dok ME 17**;*

20. *Illi r-rikorrenti toggezzjona bil-qawwa kollha b'dawn l-azzjonijiet tal- kuratrici, fejn huwa car u evidenti li Dr Veronica Aquilina qieghda tagixxi b'mod li qieghed tqajjem spejjez bla bzonn, bil-patrimonju u bil- flus ta' l-interdett Hiliare Vincenti, bil-konsegwenza li issa dawn l- eghmejjel taghha qieghdin ihassru l-legati u l-volontajiet li halla Hiliare Vincenti fl-ahhar testment tieghu, u bil-konsegwenza u bil-perikolu ukoll, li issa jistghu jinholqu kumplikazzjonijiet a rigward dak li huwa dovut lil mart Hiliare Vincenti li ilha separata de facto minn mieghu (izda ma hemmx seperazzjoni legali u/jew divorzju) ghal aktar minn hamsin sena fejn huwa car u evidenti li m'hijiex qieghda tghin sabiex il-patrimonju tieghu jibqa' integru;*

21. *Illi Hiliare Vincenti qatt ma ried jonfoq flejjes u jberbaq flejjes bla bzonn u l-*

*kuraturi (u issa l-kuratrici wahedha) qieghdin biss jaraw kif ha jonfqulu flus li m'ghandux ghalfejn jonfoq;*

22. *Illi jekk wiehed jara r-rendikont li gie pprezentat mar-rikors numru 697/2015 fil-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) wiehed malajr jinduna kemm hemm spejjezli jitolbu spjegazzjoni bhal per ezempju "supervision and time sheet for John Vincenti" fl-ammont ta' EUR 850 fid-dokument anness CHQ22 mal-istess rikors, li kopja tar-rikors bid-dokumenti qieghdin jigu annessi* **dok ME 18.** *Illi hemm ukoll ircevuti fiskali ta' drittijiet legali maghmulin minn Dr Veronica Aquilina fejn kwindi hemm konflitt, meta hi ma tistax tagixxi bhala avukata u nel frattemp ghandha l-kurazija skond kif ordnat il-Qorti Volontarja;*

23. *Illi r-rikorrenti ghandha legitimate expectations fis-sens li taf li l-ahhar testment ta'Hilaire Vincenti fl-atti tan-Nutar Sarah Anne Agius giet nominata kemm bhala legatarja kif ukoll bhala werrieta. Dan jirradika l- istess il-locus standi taghha li tagixxi ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

24. *Illli r-rikorrenti taf dawn id-dettalji kollha billi kienet l-unika persuna flimkien mal-familja taghha li kienet taghmel mieghu u taqdih f'kull ma kien hemm bzonn ghal tmienja u tletin sena, oltre li kienet tiehu hsieb sahhtu u tamminstralu l-propjetatjiet tieghu fejn kellha ukoll prokura generali;*

25. *Illi ta' min jghid li kemm ilha mahtura kuratrici Dr Veronica Aquilina, Hiliare Vincenti illum ma baqax jara aktar billi issa Dr Veronica Aquilina naqset li tara l-bzonnijiet personali tieghu u qatt ma xtrat u/jew ordnat medicina tal-ghajnejn (eye drops). Illi Hiliare Vincenti ma jarax aktar u sahhtu marret hafna lura. Dan il-fatt tafu Mary Ellul ghaliex baqghet tmur tara lil Hilaire Vincenti anki wara l-interdizzjoni.*

26. *Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) ripetutament adita, qatt ma tat widen, u ghalhekk qed issir din l-azzjoni impunjattiva fil- Qorti Civili kontentjuz u kompetenti;*

27. *Ta' min jghid li Mary Ellul dejjem sabet lil Hilaire Vincenti wahdu u saret taf li*

*fir-records tal-home l-persuna indikata bhala responsible person hija Catherine Vincenti (it-tifla ta' Dr Joseph Henry Vincenti) li ma ghandha x'taqsam xejn mal-kurazija ta' Hilaire Vincenti;*

28. *Illi oltre hekk, ir-rikorrenti safejn taf hi Dr Veronica Aquilina u/jew Dr Henry Vincenti ghandhom m'humiex up to date u in linea mal-ligi, fejn hemm tax returns ta' l-istess Hiliare Vincenti li huma ferm b'lura u li sallum ghadhom m'humiex ipprezentati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dan ghalhekk huwa ghad-detriment kemm ghal Hiliare Vincenti kif ukoll ghall-eventwali eredi ta' Hiliare Vincenti;*

29. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, l-ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi li –*

1. *Tordna lill-kuratrici Dr. Veronica Aquilina (kif ukoll Dr. Joseph Henry Vincenti sakemm baqa' bhala ko-kuratur) jaghtu rendikont preciz u veru ta' l-incomings and outgoings ta' flejjes b'ircevuti ghal kull sena li ilhom appuntati sa l-intavolar ta' din il-kawza, kif wkoll statement of affairs korrenti, u jipprezentaw it-tali rendikont u statement entro terminu qasir u perentorju li tordna l-Qorti. U fin-nuqqas li jigu pprezentati entro t-terminu li tistipula l-Qorti, jinhatru periti komputisti appuntati mill-Qorti sabiex jaghmlu tali inkarigu u dan bl-ispejjez ghall-istess konvenuti u taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;*

2. *Tillimita id-drittijiet tal-kuratrici Dr. Veronica Aquilina fis-sens li hi jkollha biss id-dritt li-*

3. *Tircievi l-hlasijiet tac-cnus u kirjiet u tohrog rcevuti;*

4. *Tara min qieghed jissulloka;*

5. *Thallas ic-cnus;*

6. *Tohrog il-flejjes li hemm bzonn ghall-kura, medicini, toiletries, u home ta' Hiliare Vincenti;*

7. *Tipprezentalu t-tax returns ta' kull sena mad-Dipartiment tat- Taxxi Interni u dan entro t-terminu tal-ligi;*

8. *Tamministralu l-assi mobbli tieghu (il-flus) u l-imghaxijiet u tpoggihom il-Bank;*

9. *Tiehu hsieb il-maintenance regolari tal-propjietajiet tieghu u cioe' 'the bare minimum' u li huma ta' natura ta' perikolu u mhux affarjiet ohra;*

10. *Taghti kull provvediment iehor sabiex jigu definiti r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-kuratrici b'mod preciz, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma idoneji fic-cirkostanzi*

11. *Bl-ispejjez kontra il-konvenuti kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi u b'rizerva ghad-danni ."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Av. Dr. Veronica Aquilina fil-kwalita' taghha fuq premessa et tad-9 t'Ottubru 2015 (a fol. 142 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi fl-ewwel lok l-intimat it-Tabib Dott. Joseph Henry Vincenti mhux legittimu kuntradittur, u dan ghaliex proprju kif jikkonferma l-okkju tal-proceduri odjerni, hu m'ghadux kuratur ghal ragunijiet ta' sahha u ghalhekk m'ghandu 1-ebda poteri fir-rigward ta' l-amministrazzjoni ta' l-interdett Hilaire Vincenti u lanqas m'ghandu access ghad-dokumentazzjoni ta' l-istess.*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti diga' resqet talba simili hafna quddiem Din l-Onorabbli Qorti tzda fis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja (ara kopji rikors, risposta u digriet nru. 524/2015 annessi bhala* **Dok. VA1),** *liema talba kienet giet michuda u ghalhekk l-*

*intimati umilment jissottomettu li t-talba odjerna m'ghandhiex tigi trattata t-tieni darba minn Din l-Onorabbli Qorti.*

3. *Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti m'ghandha l- ebda locus standi - kull pretensjoni taghha ta' eredi/legatarja tista' biss tavvera ruhha mal-mewt u ftuh tat-testment li jaghtu dawk id-drittijiet allegati minnha - u dan proprju kif irrikonoxxiet Din l-Onorabbti Qorti (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fid-Digriet Taghha fuq imsemmi:*

   *'Fl-ewwel lok ghal darb'ohra tinnota li r-rikorrenti m' ghandha l-ebda locus standi. Bhalissa m'ghandha l-ebda jedd li tindahal fl-amministrazzjoni tal-gid ta' Hilaire Vincenti. F'kull kaz ma tarax li hu fl-interess tieghu li tillimita d-dmirijiet tal-kuratrici.'.*

4. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt. kif fuq inghad u kif ser jigi pruvat u spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ghandhom jigu respinta bl-ispejjez: jidher li r-rikorrenti ghalkemm irnexxielha tasal biex takkwista hafna nformazzjoni kunfidenzjali dwar l-affarijiet personali ta' l- interdett, din waslet ghal konkluzjonijiet zbaljati jew malizzjuzi.*

5. *Illi l-intimati hawn jixtiequ jiehdu l-opportunita, li joggezzjonaw bil-qawwa kollha ghall-fatt li mhux biss ir-rikorrenti qeghda tfittex u tifli nformazzjoni kunfidenzjali dwar l-affarijiet personali, izda din qeghda sahansitra taghmel uzu minnhom u tesebihom f'dawn il-proceduri u proceduri ohra, u dan qed jinghad in partikolari ghat-testment esebit.*

6. *Illi l-fatti kif dikjarati fil-paragrafi nri.3, 4,5,8,9,11.,13,14,15,16,17,18,20, 21,,22, 23, 24, 25, 27 u 28 qeghdin jigu kontestati mill-intimati, u l-Av. Dott. Veronica Aquilina tikkonferma li hi taf bil-fatti li jirrigwarda l-istess, kif ukoll dawk li jirrigwarda l-paragrafi l-ohra tar-rikors promotur, ghas-segwenti raguni u kif ser jigi pruvat u spjegat ahjar waqt it-tratt azzloni ta, dawn i1-proceduri.*

7. *Illi qabel xejn, l-intimati ma jixtiequx jaghtu nformazzjoni dwar l- amministrazzjoni taghhom lir-rikorrenti fil-proceduri odjerna minhabba li skond il-ligi din m'ghandhiex locus standi, u dan biss sakemm ma jkollhomx ordni  minn Din 1-Onorabbli Qorti jew xi Qorti ohra.*

8. *Illi ghalhekk huma ser jillimitaw ruhhom f'dan t-istadju li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar dik l-informazzjoni li tidher li diga' qeghda fil-pussess tar-rikorrenti.*

9. *Illi umilment jissottomettu li Din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra li (a) il-mara ta' l-interdett Miriam Vincenti ghadha hajja u qatt ma kien hemm separazzjoni skond il-ligi sabiex b'hekk din sahansitra ghandha nofs indiviz ta' dik il-proprjeta' li giet akkwistata wara d-data taz-zwieg(b) l-Ufficcju Kongunt u/jew il-Kurja Arciveskovili hi ko-proprjetarja' fis-sehem tan-nofs indiviz lew fis- sehem ta' erba' parti minn ghaxar (4/10) tal-parti l-kbira mill-assi mmobbli u l- Av. Dott. Joe Zammit Tabona wkoll hu ko-proprjetarju ta' tmienja u tletin (38) proprjetajiet fis-sehem ta' wiehed minn ghaxra (1/ 10) wara li dan kien xtara l- ishma tai zewg entitajiet ekklesjastici.*

10. *Illi Din l-Onorabbli Qorti ghandha ghalhekk ukoll tisma' lill-istess Miriam Vincenti, lill-Ufficcju Kongunt u Kurja Arciveskovili u l-Av. Dott. Joe Zammit Tabona li ghandhom jigu, kjamati frl-kawza odjerna stante f-interess taghhom.*

11. *Illi kuntrarjament ghal dak dikjarat mir-rikorrenti, gew ipprezentati quddiem Din l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) ir-rendikonti ghas- snin 2012 u 2013, u l-intimati ma jsibu l-ebda oggezzjoni ghall-Prezentata ta' kull informazziont li tista' titlob l-istess Onorabbli Qorti (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja), kif diga' sar, sabiex Din tifhem ahjar.*

12. *Illi mhux minnu li t-Tabib Dott. Joseph Henry Vincenti ma baqax ko-kuratur fuq rikors tar-rikorrenti, izda dan sar ghal ragunijiet ta' sahha stante li llum sahansitra l-istess jinstab 'bed-ridden' .*

13. *Illi r-rikorrenti dejjem ghamlet kull ma setghet sabiex l-assi ta' Hilaire Vincenti ma jonqos centezmu minnhom, sahansitra kienet insistiet li dan kellu jibqa' Casa Leone minflok Casa Antonia ghaliex flus fil-hela kienet din ta' l-ahhar!*

14. *Illi sabiex tibqa' izzom il-kontroll fuq l-interdett u fuq l-amministrazzjoni ta' l- assi tieghu, sahansitra din kienet opponiet l-interdizzjoni tieghu bil-qawwa kollha tant li Din l-Onorabbli Qorti kienet marret personalment tivverifika dwar 1- istat ta' Hilaire Vincenti, u ta' dan hemm xhieda digriet ta' l-Onorabbli Qorti!*

15. *Illi jekk ir-rikorrenti qeghda tipprova turi li hi kkoperat ma' l-intimati mal-hatra taghhom, billi tathom kul1informazzjoni relattiva li kellha fil-pussess taghha, anzit ghall-kuntrarju ghaliex dan MHUX MINNU minkejja ordni mahruga lilha minn din l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja).*

16. *Illi kull pass li hadu l-intimati, sar biss wara Ii huma talbu u nharget 1-awtorizzazzjoni relattiva ta' Din l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja): huma qatt ma kellhom intenzjonijiet ulterjuri u dejjem hadmu ghall-gid ta' l-amministrazzjoni li wirtuha f'stat dizastruz.*

17. *IIli fl-eventwalita' li Din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet rikorrenti, l-interdett Hilaire Vincenti ser ibaghti pregudizzju serju u rrimedjabbli: kif ser jigi spjegat u muri ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, il-poteri tal-kuratrici l-Av. Dott. Veronica Aquilina m'ghandhomx jigu limitati kif qeghda tippretendi r-rikorrenti.*

18. *Ghaldaqstant, l-intimati jitolbu bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet fuq imfissra, bl-ispejjez kontra l-istess, b'dana li jekk l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' t-talbiet taghha, ghandha tigi assigurata garanzija adegwata mir-rikorrenti kontra kull pretensjoni li tista' tigi mressqa kontra l-intimati minn terzi u/ jew danni li jistghu jsofru bhala konsegwenza ta' tali pretensjonijiet.*

19. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2017;

Rat id-decizjoni taghha tal-24 t'Ottubru 2016, (vide fol 276 et seqq.)

Rat il-provvediment taghha tas- 17 ta' Jannar 2018. (Vide fol 358 et seqq.)

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2018, l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ser jistriehu fuq il-provi gja prodotti li jinsabu fil-process u l-ahhar digriet tal-Imhallef Lorraine Schembri Orland (Qorti Gurisdizzjoni Volontarja) datat 20 ta' Frar 2018, u nota ta' osservazzjonijiet. Il-partijiet qablu li l-provi migbura fil-proceduri 838/2015 JPG ghandhom japplikaw ghall-kawza 285/2016JPG u vice versa. (Vide fol 374).

Rat in-nota ta' Osservazzjonijiet ta' Mary Ellul datata 26 ta' Marzu 2018, a fol 384;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-Av. Veronica Aquilina datata 18 ta' April 2018, a fol 379;

Rat l-atti u d-dokumenti kolhha esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Il-Perit Duncan Mifsud,** Direttur tal-Ufficju Kongunt, xehed a fol 254 *et seqq* illi l-Ufficju Kongunt ghandu sehem indiviz tan-nuda proprjeta tal-proprjeta li hija indikata fid-dokument AV4 , filwaqt li l-interdett Vincenti ghandu l-uzufrutt. Rigward l-ittra mmarkata bhala Dok AV3 spjega li din kienet ittra li kien bghat lill-Av. Veronica Aquilina biex il-partijiet jersqu ghall-ftehim biex issir evalwazzjoni tal-proprjeta bil-ghan li jkun hemm divizjoni.

**Dr. Joseph Zammit Tabona** xehed a fol 256 *et seqq* illi hu jaf kemm lir-rikorrenti u kif ukoll lil Hilaire Vincenti. Xehed illi t-tnejn joqghodu quddiemu , u li r-rikorrent kienet is-segretarja ta' Vincenti u sa fejn jaf hu ghadhom hbieb. Spjega illi huwa ghandu kumpanija bl-isem Development Company Limited li ghandha sehem indiviz ta' proprjetajiet li taghhom Vincenti ghandu l-uzufrutt, wara li l-kumpanija kienet akkwistat l-istess minghand il-Kurja. Kompla li l-amministrazzjoni ordinarja ta' dawn il-proprjetajiet kienet ta' Vincenti, u ghalhekk illum il-gurnata tinsab f'idejn il-kuratrici nominata mill-Qorti. Qal ukoll illi Vincenti kien beda jmur lura minn mohhu circa fl-1999. Zied li dak iz-zmien kien sar ftehim biex ssir divizjoni tal-proprjeta li taghha l-kumpanija tieghu xtrat sehem, izda Vincenti ma kienx deher ghall-appuntament biex isir il-konvenju u ghalhekk kien sfratta kollox. Meta rega gie mistoqsi rigward meta beda jmur minn mohhu Vincenti xehed illi dan kien ghal habta tas-sena 1974, meta Vincenti kien tah affarijiet li ghalih ma kienux normali, u qal li dan barra li minn dejjem ma kienx normali u kellu certu fama.

**Chris Pace** xehed a fol 259 illi huwa jikri l-fond bl-indrizz 1, No. 2, Triq Vilhena Floriana, u qal illi in-negozjati ghal din il-kirja kien ghamilhom mal-Avukat Veronica Aquilina.

**Raymond Bonnici,** Property Manager tal-Arcidjocesi ta' Malta, xehed a fol 261 *et seqq* illi l-Arcidjocesi kellha nofs indiviz tan-nuda proprjeta ta' diversi proprjetajiet, filwaqt li Vincenti kellu l-uzufrutt. Zied li fl-1993, dan is-sehem tal-Arcidjocesi kien ghadda lil Gvern. Xehed li l-Arcidjocesi ma kienx ikollha x'taqsam fl-amministrazzjoni ta' dawn il-proprjetajiet peress illi Vincenti, bhala l-uzufruttwarju, kien jigbor il-kirjiet hu.

**L-Avukat Veronica Aquilina,** prodotta mir-rikorrenti, xehdet a fol 311 *et seqq* u a fol 335 *et seqq* illi hija kienet giet a konjizzjoni tat-testment li jinsab esebit a fol 17 *et seqq* circa fl-2014. Mistoqsi jekk tafx x'inhu l-kontenut tat-testment xehdet illi ma tafx kollu hemm hu x'jghid peress illi l-kariga taghha tmut mal-mewt ta' Vincenti. Enfassizat illi d-decizjonijiet kollha li ghamlet fir-rigward tal-proprjeta ta' Vincenti saru bl-awtorizazzjoni tal-Qorti. Qalet li hi m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jkun hemm sorveljanza, pero minn persuna li ghandha dritt tissorvelja, jew il-Qorti, u enfasizzat li x-xoghol taghha prezentement huwa dejjem sorveljat mill-Qorti ai termini tal-ligi.

**Mary Ellul** xehdet permezz ta' affidavit a fol 319 *et seqq* illi hija l-werrieta prezunta ta'

Hilaire Vincenti peress illi l-unika testament li ghamel l-istess Vincenti kien fil-31 ta' Ottubru 2006, u dan kif jidher mir-ricerki. Xehdet illi ghexet hajjitha ma' Vincenti u ghalhekk taf li m'ghamilx testment iehor, inkluz testament sigriet. Spjega li ilha taf lil Vincenti minn meta kemm ghadu guvni peress li r-ragel taghha u Vincenti kienu jmorru l-iskola flimkien u kienu hbieb. Ziedet illi barra minn hekk, hija kienet is-segretarja tieghu ghal 38 sena, mill-1974 sal-2012, meta gie interdett. Qalet li tant kienet fdata li fl-2009, Vincenti kien ta prokura generali. Ziedet illi qed taghmel din il-kawza mhux biss ghaliex "*meta jaghlaq ghajnej nirtu jien"* izda anke ghaliex ghandha interess li tara li l-assi ta' Vincenti ma jigux amministrati hazin. Ziedet li l-amministrazzjoni tal-Avukat Aquilina tal-assi ta' Vincenti m'hi xejn ghajr skandlu u turi kemm hu mportanti li l-prezunt werriet ikollu *locus standi*.

Fir-rigward tal-kirja li giet koncessa lil Chris Pace xehdet illi peress li din il-kirja saret ghal terminu ta' 25 sena, huwa car li ghandha *locus standi* "*…sabiex inhares hwejgi stess li eventwalment ser niret. Illi wara kollox ma nahsibx li Hilaire Vincenti se jibqa jghix ghal hamsa u ghoxrin sena…*" peress illi skont it-testment ezebit minnha, il-proprjeta' giet mholli bl-legat lilha. Qalet illi apparti minn hekk, l-Avukat Aquilina kriet ukoll garaxx bieb ma' bieb ma' din il-proprjeta pero din il-kirja ma tirrizulta minn imkien, u dan il-garaxx ukoll kien gie mholli bl-legat lilha. Qalet ukoll illi l-bejgh u kirjiet tal-proprjetajiet ta' Vincenti m'humiex ragonevoli peress illi l-istess Vincenti ghandu bizzejjed flus kontanti, u li inoltre l-kuratrici m'hijiex qed tiehu kont tal-volontajiet tieghu kif rispekjati fit-testment. Ziedet illi hija, bhala eredi u legatarja, ghandha d-dritt tkun taf x'gara mill-proprjetajiet mhollija lilha, u minn tal-inqas tkun taf fejn sejrin il-flus tal-kera ta' dan l-ufficju.

Qalet illi "*l-kuratrici m'ghandhiex xi carte blanche li taghmel li trid, li thawwad kemm trid u tipprogetta dak li tixtieq tipprogetta hi biss lil Qorti Civili Sezzjoni Volontarja u li jiena m'ghandi ebda dritt li nindahal fil-kurazija ta' Hilaire Vincenti u fil-wirt u fil-legati li halla.*" Ziedet illi "*l-kuratrici ma tistax tindahal f'affarijiet li ma' jesahhiex…*" Ilmentat illi l-kuratrici ma oggezzjonatx ghat-talba maghmula lil Qorti tal-Familja minn Myriam Vincenti, mart Hilaire Vincenti, sabiex jithallsu l-ispejjez ta' Casa Arkati u ghall-ingagg ta' *Residential Carer* ghaliex skont hi, ikkonsidrat illi l-kuratrici hija avukat messa indagat sew jekk "*…Myriam Vincenti ghandhiex il-mezzi jew le sabiex tiehu hsieb tmanti lilha*

*nnifisha u mhux terda lil Hilaire Vincenti…*"[1]

Xehdet ukoll a fol 330 *et seqq* illi xi zmien wara li kien ta prokura generali, Vincenti kien waqa' u spicca f'koma, u s-sekond kugin tieghu, Joseph Henry Vincenti beda jghid li kien jiehu hsiebu u sar il-kuratur tieghu, sakemm ftit xhur wara giet appuntata wkoll bhala kuratrici l-Avukat Veronica Aquilina.

**In kontro-ezami** a fol 332 *et seqq* xehdet illi l-prokura kienet inghatat lilha meta rat li s-sahha ta' Vincenti kienet sejra lura. Mistoqsija jekk kienetx prezenti meta sar it-testment esebit in atti wiegbet "*Le ma kontx. Id-dar tieghi imma ma kontx. Veru Mark?"* (b'referenza ghall-avukat taghha Dr. Mark Attard Montalto). Ikkonfermat illi l-avukat taghha kien wiehed mix-xhieda ghat-testment, izda nnegat li x-xhud l-iehor ukoll kien membru tal-familja taghha. Mistoqsija jekk allura kellhiex dejjem kopja ta' dan it-testment, wiegbet illi l-avukat kellu kopja u mhux hi.

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza parzjali rigward it-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimati, permezz ta' liema eccepew illi r-rikorrenti m'ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri. L-intimati jargumentaw fin-nota ta' sottomissjonijiet u trattazzjoni taghhom illi galadarba Hilaire Vincenti ghadu haj, ir-rikorrenti m'ghandhiex dritt li tassumi l-kwalita t'eredi minn issa, u ghalhekk m'ghandhiex jedd tiddeciedi x'ghandu jsir mill-assi tal-istess Vincenti. L-intimati jsostnu illi l-pretensjoni tar-rikorrenti illi hija kreditrici tal-wirt ta' Hilaire Vincenti hija erroneja u li l-artikolu 1062 tal-Kodici Civili m'huwiex applikabbli. Ziedu illi eredi ma jistghax ikun kreditur tal-eredita, peress illi huwa jidhol fiz-zarbun tad-decuius u ghalhekk l-eredita ma jkollha l-ebda dejn lejh.

Minn naha taghha, r-rikorrenti ssostni li hija ghandha *locus standi* f'dawn il-proceduri ghaliex it-testment datat 31 t'Ottubru 2006 huwa l-uniku u l-ahhar testment li ghamel Hilaire Vincenti u ghalhekk hija kreditrici tal-wirt u ghandha dritt skont l-artikolu 1062 tal-Kodici Civili li thares id-drittijiet taghha skont il-ligi. Ir-rikorrenti targumenta fis-sottomissjonijiet taghha illi l-kuratrici m'hijiex qed tagixxi bid-diligenza ta' *bonus pater familias* , u zzid illi t-testment tal-31 t'Ottubru 2006 maghmul minn Vincenti huwa l-ftehim

[1] Vide fol 324

u l-kuntratt li bih ghandu jaderixxi kwalunwke kuratur jew kuratrici, kif ukoll kwalunwke Qorti, ghaliex dawk huma l-volontajiet tat-testatur. Ir-rikorrenti targumenta illi s-sistema legali Maltija jirrikonoxxi l-kuncett ta' eredi prezuntiv, kif jidher mill-Artikolu 194 u 917 tal-Kodici Civili u l-Artikolu 734 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk skont ir-rikorrenti huwa car li hija ghandha *locus standi* f'dawn il-proceduri.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi fis-sistema guridika Taljana m'huwiex gurdikament koncepibbli illi testament jkollu effett guridiku qabel il-mewt tat-testatur. Il-bazi ta' din il-linja ta' hsieb hija illi:

> "…***la successione a causa di morte…presuppone la morte della persona fisica***. *La morte estingue la capacita giuridica della persona ed estingue i diritti a essa inerenti, cioe i diritti personali, ma non estingue, di massima, i suoi diritti patrimoniali, e ne impone piuttosto la trasmissione ad altri.*
>
> ***Questa trasmissione dei diritti della persona a seguito della sua morte integra, appunto, la vicenda della successione, che trova origine nella morte stessa, quale condizione neccessaria e gustificativa***."[2]

Anke l-awtur **Giovanni Bonilini** jghallem illi :

> "***La successione causa mortis***...*si ha nel caso in cui, morendo un soggetto, un altro gli subentra nel fascio dei rapporti, del quale il primo era titolare. Essa, dunque,* ***trova, come presupposto essenziale e caratterizante, la morte del soggetto, al quale si succede, ed e per questa ragione, appunto, che si denomina a causa di morte***."[3]

L-istess awtur jiddefinixxi t-terminu 'eredita' bil-mod segwenti:

> "***Il termine eredita, dunque, individua l'insieme dei rapport giuridici*** –

[2] V. Di Taranto, 'Distinzioni' f'G. Cassano u R. Zagami (*eds*) *Manuale della Successione Testamentaria,* (Maggioli Editore) 51.
[3] G. Bonilini, 'La Successione a Causa di Morte' f'G. Bonilini (*ed) Trattato di Diritto delle successioni e donazioni,* (Giuffre Editore) Vol. I, 6-7.

> *vale a dire, anzitutto: proprieta, possesso, crediti, debiti, posizioni contrattuali - ,* ***che passano in capo ad altri soggetti in via successoria mortis causa****…*"[4]

Jidher filfatt illi ghall-guristi Taljani is-successjoni, aktar milli sistema legali rradikata fid-drittijiet u l-interessi tal-eredi, hija "*…esigenza della continuazione della vita economica al di la della morte della persona fisica…*" jew almenu ghandha l-ghan illi tassigura "*…la continuita nei rapport attivi e passivi gia facenti capo al defunto.*"[5] Din il-linja ta' hsieb jidher li hija bbazata fuq id-dritt Ruman, fejn l-ghan tas-successjoni kien "*…di assicurare la continuita della famiglia dopo la morte del paterfamilias; gli eredi avevano l'obbligo di pagare i debiti e di amministrare il patrimonio famigliare.*"[6]

L-awtrici **Di Tranato** tghid illi wiehed jassumi l-kwalita ta' eredi biss wara l-apertura tas-successjoni u l-accettazzjoni tieghu tal-eredita.[7]

> "***A tal fine deve ribadirsi come la nozione di patrimonio ereditario abbia carattere universale, concernendo tutte le posizioni giuridiche facenti capo al de cuius, e si presti quindi a ricomprendere non solo i rapporti attivi ma anche quelli passivi****, non potendosi escludere anche l'esistenza di una successione che sia caratterizzata solo dalla esistenza di debiti facenti capo al de cuius ( la nozione di hereditas damnosa va riferita non solo al caso in cui i debiti eccedano la misura delle attività ereditarie, ma anche al caso, peraltro non di mera scuola, in cui alla morte dell'ereditando questi lasci solo debiti).*
>
> ***Poiché lo scopo della successione universale è appunto quello di assicurare la trasmissione della generalità dei rapporti giuridici dal de cuius all'erede****, la stessa è destinata a verificarsi anche quando la trasmissione si limiti ai soli rapporti passivi, non configurandosi quindi coessenziale al fenomeno successorio il subentro anche nella titolarità di situazioni attive.*"[8]

[4] *Ibid.*, 9.
[5] V. Di Taranto, vide fn 2, 52.
[6] V. Di Taranto, vide fn 2, 54.
[7] V. Di Taranto, vide fn 2, 53.
[8] **Domenico Saladino vs Giuseppe Genna,** Corte di Cassazzione, Ricorso nru. 7023-2013, deciza 14 ta' Frar

Dan filwaqt illi t-terminu ghall-accettazzjoni tal-eredita "…*part*[a] *sempre dalla data di apertura della successione, coincidente con la morte dell'ereditando*,"

Bl-istess modd, l-awtur Bonilini jghid illi:

> "*Nella titolarita delle posizioni un tempo del defunto, subentra **l'erede**, il quale **diviene tale con l'accettazione dell'eredita, che fa si acquisiti dette posizioni dal momento della morte del de cuius.**"*[9]

Anke aktar car minn hekk, l-istess awtur jispjega illi:

> "***La successione ereditaria, dunque, poggia su tre presupposti: la morte di una persona, un patrimonio lasciato dalla stessa, un soggetto superstite, che lo raccolga, il quale viene ad occupare la posizione del defunto, originario titolare dei rapport, a partire dalla sua morte***."[10]

Dan huwa konformi mat-taghlim ta' **Pacific Mazzoni**, skont min:

> "***L-eredita dunque presuppone necessariamente la morte di alcuno; tanto che viventis hereditas non datur.***[11]

Inoltre, l-awtur **Cicala** jghallem illi fis-successjoni:

> **"*Il soggetto, al quale l'eredita e devoluta, non diviene successore a titolo universale del de cuius al momento della morte, un quanto ordinamento ha accolto il principio secondo il quale il delato diviene erede, di regola, solo per tramite dell'accettazione.*"**[12]

Skont l-opinjoni guridika maggioritarja, m'huwiex legalment koncepibbli illi prezunt

---

2017.

[9] G. Bonilini, vide fn 3, 9.

[10] *Ibid.*, 11.

[11] E. Pacifici Mazzoni, *Istituzioni di Diritto Civile Italiano,* Libro III, Parte Prima, Titolo II (Delle Successioni) (Firenze, Seconda Edizione, 1872) 14.

[12] C. Cicala, 'La Delazione Dell'Eredita' f' G. Bonilini (*eds)* Trattato di diritto delle successioni e donazioni, (Giuffre Editore) Vol. I, 1049.

werriet jitqies li ghandu xi dritt jew almenu aspettativa legittima patrimonjali relattiva ghas-successjoni **qabel** il-mewt tat-testatur. Dan skont **Accolla** huwa ghaliex:

> "*...**qualora si volesse ritenere ammissible una simile situazione giuridica, dovrebbe coerentemente ammettersi altresi la sua commerciabilita: appare infatti illogico ritenere sussistente in capo ad un soggetto un diritto, o quantomeno un'aspettativa giuridicamente tutelata, senza che allo stesso soggetto venga attribuita la facolte di disporne***."[13]

Din il-linja ta' hsieb m'hijiex ezistenti biss fil-pajjizi li ghandom sistema legali kontinentali/civili, izda tinsab abbracjata anke fil-pajjizi li jhaddnu s-sistema ta' *common law*. Filfatt, fil-gurisprudenza tar-Renju Unit huwa ritenut illi persuni hajjin m'ghandhomx eredi, u t-testmenti m'ghandhomx vuci sakemm imut it-testatur, u dan kif jidher mis-segwenti bran:

> "*It should be noted that an object of a power of appointment does not have an interest in property and cannot apply. This is implicit from Re Gestetner [ 1953] Ch. 672, McPhail v. Doulton, Re Manisty's Settlement [ 1974] Ch. 17, Re Hay's Settlement Trusts. Prospective or presumptive next of kin and a potential future spouse do not have an interest, since they have only a 'spes successionis, a hope of succeeding': see Warner J. in Knocker v. Youle op. cit., at 937 in relation to section I (1)(b) of the Variation of Trusts Act 1958. **A gift to whomsoever shall at the death of B, a living person, be the heir of B or one of the next-of-kin of B, confers no interest on anyone until the death of B**: see Stamp J. in Re Midleton's Will Trusts [ 1969] 11 Ch. 600 at 607*."[14]

Fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti Sud Afrikana fl-ismijiet **Frederick Lodewicus van der Merwe v. Danielz NO Finlac Trust NO** deciza fil-21 ta' Awissu 2015 citata mir-rikorrenti, wara li ezaminat it-test tas-sentenza nnifisa il-Qorti taghraf illi din is-sentenza ma tista' tkun tal-ebda konfort ghar-rikorrenti. Il-Qorti rat illi fil-kawza citata mir-

[13] G. Accolla, 'Successione a causa di morte. Disposizioni Generali' f'G. Cassano u R. Zagami (*eds) Manuale della Successione Testamentatia* (Maggioli Editore, 2010) 34

[14] S. Pascoe, 'Significance for trusts of land of some key aspects of the trusts of land and Appointment of Trustees Act 1996' Thesis submitted for the Degree of Doctor of Philosophy at the University of London (King's College London, 2004) 186 fn 704.

rikorrenti, **it-testaturi kienu diga mietu meta giet intavolata l-kawza**, u dan kif jirrizulta mis-sentenza stess, li f'paragrafu 3 tghid espressament "*Die testaeur is in Julie 2007 ooerlede"* u cioe 'it-testatur miet f'Lulju 2007' u f'paragrafu 5 "*Die testatrise is gedurende Februarie 2010 oorlede"* u cioe 'it-testatrici mietet fi Frar 2010' filwaqt li l-bejgh tar-razzett gie mitlub mill-esekutur testamentarju, u oppost mill-beneficarji tat-Trust fl-2014 (par. 14), u cioe wara l-mewt tat-testaturi. F'din il-kawza citata mir-rikorrent kien gie deciza illi ghalkemm l-interess tal-beneficarji tat-trust kien biss indirett, peress illi l-eredi kienet it-trust innifisha, il-beneficarji kellhom eccezzjonalment *locus standi* fil-kawza, minhabba li kien hemm amministrazzjoni hazina mill-esekutur testamentarju.

Illi ghalhekk huwa car illi bejn is-sentenza citata mir-rikorrenti in sostenn tal-argument taghha u din il-kawza, hemm distinzjoni netta. Fil-kaz citat mir-rikorrenti, il-bejgh tal-proprjeta kien gie propost, u l-kawza giet intavolata **wara l-mewt tat-testaturi**, meta ghalhekk kien hemm **certezza dwar l-interess tar-rikorrent**, li ghalkemm kien **indirett, ma kienx ipotetiku.**

F'dan il-kaz, kif diga inghad, l-interess tar-rikorrenti huwa merament ipotetiku ghaliex ma jistghax ikun hemm certezza illi r-rikorrenti verament ser tkun eredi u/jew legatarja ta' Hilaire Vincenti. Huwa sinjifikanti illi bejn id-data tat-testment esebit mir-rikorrenti u d-data tal-interdizzjoni ta' Hilaire Vincenti ghaddew circa sitt snin. Ghalhekk ma tistghax tigi skartata l-possibilita illi Vincenti lahaq ghamel testament iehor f'dawk is-snin illi r-rikorrenti ma tafx bih. Ta' rilevanza kritika huwa wkoll il-fatt illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt ex-lege ghal xi parti mill-eredita ta' Vincenti, u ghalhekk lanqas jista' jigi argumentat li jigri x'jigri hija zgur ser tiret mal-mewt ta' Vincenti almenu l-porzjon riservata, u dan peress illi r-rikorrenti m'hijiex mart jew bint Vincenti. Ghalhekk fil-verita, r-rikorrent m'ghandhiex l-aspettiva legittima li tiret, kif qed tippretendi li ghandha, izda ghandha biss possibilita li tiret fil-kaz illi Vincenti ma kienx iddecieda li jbiddel il-wirt u ma jhalli xejn lir-rikorrenti fis-sitt snin li ghaddew bejn it-testment esebit u l-interdizzjoni tieghu.

Il-Qorti tqis illi dan huwa filfatt konosonanti mas-sistema legali taghhna, illi tirrikjedi li r-rikorrenti jkollu interess guridiku sabiex ikun jista' jippromovi kawza. Fir-rigward tal-interess guridiku rikjest ghal promwoviment ta' kawza, fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Kenneth Grima noe vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fit-28 ta' Gunju 2013, il-Qorti tal-

Appell irrilevat illi:

> "*Huwa principju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawza, irid ikollu l-interess. Dan irid ikun (a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; (b) dirett u personali: fis-sens li jkun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum); (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kundizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur*."

Huwa principju kostantament ritenut fil-gurisprudenza nostrana illi l-interess guridiku irid ikun attwali, u mhux merament ipotetiku.[15] Fis-sentenza citata mir-rikorrenti tal-Qorti Sud Afrikana filfatt, il-Qorti kienet sabet li r-rikorrenti kellhom *locus standi* peress illi l-interess taghhom, ghalkemm indirett, kien attwali, u mhux merament ipotetiku. F'dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti, l-interess tar-rikorrenti huwa merament ipotetiku, ghaliex, kif intqal aktar il-fuq, il-pretensjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq il-possibilita illi t-testment ta' Hilaire Vincenti baqa' ma nbidilx, xi haga li ma tistax tkun certa minnha kkonsidrat illi Vincenti kellu sitt snin sabiex, jekk ried, jaghmel testment iehor. Dan apparti l-fatt illi, kif jidher mill-akkademja u l-gurisprudenza citata aktar il-fuq, l-eredi jsir eredi meta jaccetta l-eredita, xi haga li tista' ssir biss naturalment wara l-mewt tat-testatur. Inoltre, anke l-argument tar-rikorrenti illi bhala eredi (skont hi) hija kreditrici tal-eredita huwa erroneju, ghaliex l-eredi jidhol fiz-zarbun tat-testatur wara mewtu, u jekk jaccetta l-eredi jassumi kemm l-assi u kif ukoll id-djun kollha tieghu, u ghalhekk zgur li ma jistghax jinghad illi l-eredi huwa kreditur tal-eredita.

Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti illi hija l-werrieta prezunta ta' Hilaire Vincenti u li s-sistema legali nostrana filfatt tirrikonixxi l-kuncett ta' werriet prezunt, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm huwa minnu li s-sistema nostrana tirrikonixxi dan il-kuncett, kif del resto jirrikonnoxuh diversi sistemi legali ohrajn, l-argument tar-rikorrenti huwa ghal kollox erroneju u priv minn fondament legali. Il-kuncett ta' werriet prezunt huwa bbazat fuq l-

[15] **Joseph Laferla et vs Carmelo Attard et noe,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar 2002; **George Laferla vs Joseph Lauri et noe,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Mejju 2002; **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' Marzu 2003.

ezistenza ta' presunzjoni legali illi xi presuna jew persuni ghandhom dritt legali li jirtu lid-decuius fil-kaz illi jmut intestat jew fil-kaz illi l-uniku testment tieghu jigi dikjarat null. Hija l-ligi nnifsha li tohloq din il-presunzjoni. Fis-sistema legali taghna, tali presunzjoni tezisti fir-rigward tal-familjarji tad-decuius, ghaliex huma precisament l-persuni li fuqhom l-ligi tikkonferixxi dritt t'eredita. Ghalhekk f'ghajnejn il-ligi, l-werriet prezunt ta' Hilaire Vincenti m'hijiex ir-rikorrenti, izda hija proprju martu Myriam Vincenti. Dan ghaliex, fl-assenza apparenti t'ulied, u galadarba Hilaire u Myriam Vincenti ghadhom ma sseparawx legalment[16], il-ligi tirrikonxxi lil martu bhala l-persuna illi ghandha dritt legali li tiret lil Hilaire Vincenti.

Filfatt, ir-rikorrenti tibbaza l-pretensjoni taghha illi hija werrieta prezunta fuq dak kontenut fit-testment ta' Hilaire Vincenti tal-31 ta' Ottubru 2006, li skont hi huwa l-ahhar testment tal-istess Vincenti. Il-Qorti tirrileva pero illi fil-verita din hija sitwazzjoni anomala, fejn kopja tat-testment ta' Vincenti tinsab f'idejn persuni li m'humiex in-Nutar fl-atti ta' min sar it-testment, qabel il-mewt tat-testatur. Il-fatt li b'xi modd l-attrici temmen li taf il-kontenut tat-testment ta' Vincenti ma jaghmilx lir-rikorrenti werrieta prezunta, ghaliex kif inghad, din il-presunzjoni ma tohrogx mit-testment, li f'cirkostanzi normali jkun disponibbli biss wara l-mewt tat-testatur, izda tohrog mill-ligi. Dan aktar u aktar ikkonsidrat illi kif diga intqal, fis-sitt snin li ghaddew bejn meta ghamel it-testment tal-31 ta' Ottubru 2006 u l-interdizzjoni tieghu, Vincenti kellu zmien ampju sabiex, jekk ried jaghmel testment iehor, anke wiehed sigriet, u ghalhekk m'hemmx ic-certezza li tippretendi r-rikorrenti li filfatt hija l-eredi ta' Vincenti.

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjoni preliminari tal-intimati hija fondata, ghaliex huwa car illi r-rikorrenti m'ghandhiex il-*locus standi* necessarju sabiex tippromwovi din l-azzjoni.

Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti maghmul fin-nota ta' sottomissjonijiet u fit-trattazzjoni relattiv ghad-dritt tal-proprjeta, il-Qorti l-ewwelnett tirrileva illi r-rikorrenti m'ghamlet ebda talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'sede kostituzzjonali sabiex jigi ezaminat xi ilment ta' natura kostituzzjonali. Illi pero, ghall-finijiet ta' kompletezza il-Qorti tirrileva illi l-argument tar-rikorrenti huwa kompletament infondat. Hawnhekk il-Qorti

[16] Ghalkemm permezz ta' digriet datat 20 ta' Frar 2018, il-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) awtorizzat lil kuratrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra Myriam Vincenti. Meta tigi ddikjarata s-seprazzjoni personali kontra Myriam Vincenti, il-werrieta prezunti jkunu dawk il-familjarji ta' Hilaire Vincenti li skont il-ligi jkollhom dritt jirtuh fin-nuqqas tal-esitenza ta' konjugu jew ulied.

tirreferi ghas-sentenza klassika tal-Qorti ta' Strasbourg fuq dan il-punt, fl-ismijiet **Marckx v. Belgium** deciza 13 ta' Gunju 1979, App. Nru. 6833/74, fejn intqal illi:

> "…***Article (P1-1) does no more than enshrine the right of everyone to the peaceful enjoyment of "his" possessions, that consequently it applies only to a person's existing possessions and that it does not guarantee the right to acquire possessions whether on intestacy or through voluntary dispositions***."

Ghalhekk huwa car li dan l-argument tar-rikorrenti huwa wkoll infondat.

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimati, tiddikjara illi r-rikorrenti m'ghandhiex il-*locus standi* necessarju sabiex tressaq din l-azzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet taghha.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**